Malta Council for the
VOLUNTARY SECTOR

**PRESS RELEASE**

| | |
|---|---|
| Date | 9th May 2018 |
| From | Malta Council for the Voluntary Sector |
| To | All Media |
| No. | PR/MCVS/02/2018 |

***EN***

**TITLE**

## Newly Appointed Malta Council for the Voluntary Sector

The Council will continue working towards setting up more facilities for the voluntary organisations to be used as hub and resource centres, as well as continuing to provide training and mentoring for VO volunteers and administrators to support the development of their organisations.

The Council encourages all members of the public to find out more about the work of voluntary organisations in Malta and support their initiatives. For more information visit www.maltacvs.org and our Facebook page *malta council for the voluntary sector.*

***MLT***

**TITLU**

**L-10 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat**

Nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Settembru, itellgħat konferenza stampa biex jitħabbru l-attivitajiet prinċipali li se jfakkru l-Għaxar Anniversarju mit-tqawwif tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (KMSV). Dawn l-attivitajiet ser jittellgħu bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet mit-twaqqif tal-istess Kunsill fl-2008 wara li daħal fis-seħħ l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji fl-2007.

Din il-Konferenza kienet indirizzata miċ-*Chairperson* tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat Dr. Noel Camilleri u mis-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet tal-Volontarjat, l-Onor. Dr Clifton Grima. Fl-indirizz tagħhom iż-żewġ kelliema spjegaw kif il-Kunsill qed jiċċelebrai ż-żmien li għadda fejn twaqqfu bosta inizjattivi ġodda b'risq is-settur b'objettivi ċari sabiex jindirizzaw il-bżonnijiet l-istess u l-voluntiera li huma l-qofol ta' dan is-settur. Barra dan, il-Kunsill qed juża dawn iċ-ċelebrazzjonijiet sabiex iħares il-quddiem sabiex flikien ma' l-istess settur jara fejn irridu mmorru u x'għad hemm bżonn sabiex dawn l-għanijiet jintleħqu fl-interess tas-settur u s-soċjeta' li jaħdem fiha.

Is-Sur Mauro Pace Parascandalo, Direttur Eżekuttiv tal Kunsill ħabbar sensiela ta' attivitajiet li se jfakkru dan l-avveniment tant importanti.

L-attivitajiet li se jittellgħu huma:

**25 ta' Settembru 2018:**

Laqgħa informattiva bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għall-Finanzi u l-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Għaqdiet Volontarji;

**9 ta' Ottubru:**

Laqgħa ta' Konsultazzjoni fuq il-Politika Nazzjonali fi ħdan il-volontarjat;

**26 ta' Novembru 2018:**

Tnedija ta' Wirja Fotografika bil-kollaborazzjoni tas-Soċjetà Fotografika ta' Malta. It-tema għal din il-kompetizzjoni se tkun 'Il-Volontarjat – Servizz lill-Komunità;

**30 ta' Novembru sal-1 ta' Diċembru 2018:**

Konferenza Nazzjonali fuq il-Volontarjat – 10 Snin ta' Sapport lill-Għaqdiet Volontarji;

**2-6 ta' Diċembru 2018:**

Fiera tal-Għaqdiet Volontarji;

**5 ta' Diċembru 2018:**

Preżentazzjoni tal-Premju Nazzjonali lill-Volontier tas-Sena.

Għal aktar informazzjoni wieħed jista' jsegwi lill-Kunsill fuq is-sit elettroniku www.maltacvs.org u l-paġna tal-*facebook* ***Malta Council Voluntary Sector***.